



2017/0237(COD)

5.6.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji (Riformulazzjoni) (COM(2017)0548 – C8-0324/2017 – 2017/0237(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dennis de Jong

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

F'Settembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal riformulazzjoni tar-Regolament Ewropew dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji (Regolament (KE) Nru 1371/2007). Ir-rapporteur hu tal-fehma li l-ivvjaġġar ferrovjarju għandu jsir aktar attraenti għall-konsumaturi bit-tishiġ tal-obbligi ta' informazzjoni għall-impriżi ferrovjarji, bil-ħolqien ta' aktar ċertezza legali għall-passiġġieri ferrovjarji u biż-żieda fl-aċċessibbiltà tal-ivvjaġġar ferrovjarju għall-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa. Għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi titjib importanti, ir-rapporteur hu tal-fehma li f'xi partijiet tar-riformulazzjoni hemm bżonn aktar ambizzjoni sabiex jiġi żgurat li l-passiġġieri ferrovjarji jkunu protetti u infurmati aħjar qabel, waqt u wara l-vjaġġ tagħhom.

Forza maġġuri u kumpens

Wara l-introduzzjoni ta' klawżola ta' "forza maġġuri" fir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru, il-Kummissjoni qed tipproponi li tiżdied klawżola speċifika fir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri ferrovjarji. Din il-klawżola tgħid li l-impriżi ferrovjarji m'għandhomx ikunu obbligati jħallsu kumpens f'każ ta' kundizzjonijiet tat-temp severi jew diżastri naturali kbar. Madankollu, l-ivvjaġġar bl-ajru u l-ivvjaġġar bil-ferrovija mhumix paragunabbli. Barra minn hekk, klawżola bħal din ma fihiex biżżejjed speċifità biex jiġu evitati tilwimiet fil-futur. Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi li din il-klawżola titħassar. Barra minn hekk, ir-rapporteur jipproponi li r-regoli dwar il-kumpens tal-prezz tal-biljett jiġu estenzi permezz ta' skema ta' kumpens għall-ferroviji b'veloċità qawwija li tagħti d-dritt lill-passiġġieri jitolbu kumpens meta jsofru dewmien ta' 45 minuta jew aktar.

Informazzjoni, servizz u assistenza

Meta jiġu biex jixtru l-biljetti tal-ferrovija, il-passiġġieri spiss wisq jiltaqgħu ma' kundizzjonijiet li ma jkunux ċari. Speċjalment jekk il-vjaġġ ikun jinvolvi aktar minn operatur wieħed, il-passiġġieri jiffaċċjaw differenzi fil-prezzijiet tal-biljetti, fil-garanzija tal-konnessjonijiet u fl-assistenza. Din l-opinjoni għalhekk fiha definizzjoni aktar ċara ta' biljett globali u proposta għall-istabbiliment ta' interfaċċi għall-iprogrammar online (APIs) li permezz tagħhom l-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu aċċess nondiskriminatorju għall-informazzjoni kollha dwar l-ivvjaġġar, inkluża d-data operattiva, l-orarji u t-tariffi f'ħin reali. Sabiex il-passiġġieri jingħataw il-possibbiltà li jieħdu deċiżjonijiet infurmati meta jixtru l-biljetti, il-bejjieġha tal-biljetti u l-impriżi ferrovjarji għandhom jinfurmaw lill-passiġġieri meta l-prezz tal-hekk imsejjaħ "biljett globali" jvarja mill-prezzijiet akkumulati mħallsa meta l-biljetti jinxtraw separatament mingħand l-operaturi differenti.

Persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa

Il-proposta tal-Kummissjoni fiha diversi elementi ta' titjib biex jintlaħaq l-oġettiv ta' vvjaġġar ferrovjarju Ewropew aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Madankollu għadha ma ssolvietx l-aktar problema importanti li jiffaċċjaw dawn il-persuni, jiġifieri l-proċedura ta' notifika ta' 48 siegħa minn qabel biex jibbukkwaw l-assistenza li jkollhom bżonn waqt il-vjaġġ. Dan inaqqas drastikament il-mobbiltà u l-libertà tal-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa u mhuwiex konformi mal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD) li jgħid li għandu

jkun hemm il-possibbiltà li wieħed jivvjaġġa b'mod indipendenti, spontanjament u mingħajr assistenza. Għadd ta' Stati Membri diġà għandhom fis-seħħ sistema li tiffunzjona tajjeb u li tirrikjedi notifika f'ħin ferm iqsar. Għalhekk ir-rapporteur jipproponi li l-proposta tal-Kummissjoni tinbidel minn 48 għal 24 siegħa fi stazzjonijiet żgħar u sistema ta' "turn-up and ġo" għal stazzjonijiet akbar. Proposti oħra li jagħmlu l-ivvjaġġar ferrovjarju aktar aċċessibbli jinkludu l-iffaċilitar tad-disponibbiltà tal-informazzjoni permezz tal-internet jew ta' kanali tad-distribuzzjoni mħaddma mill-persunal u l-obbligu li l-impriżi ferrovjarji jqiegħdu għad-dispożizzjoni direttament, u f'formati aċċessibbli, l-informazzjoni dwar il-waqfien tas-servizzi.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Minkejja li fl-Unjoni sar bosta progress fejn tidħol il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji **jeħtieġ titjieb** aktar.

Emenda

(3) Minkejja li fl-Unjoni sar bosta progress fejn tidħol il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji **u l-iżgurar li jingħataw kumpens għal dewmien, kanċellazzjonijiet u kwalunkwe ħsara materjali għad iridu jitjebu** aktar.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Jekk il-passiġġieri tal-ferroviji li jagħmlu vjaġġi internazzjonali u domestiċi fuq distanzi twal jingħataw l-istess drittijiet, dan iżid il-livell ta' **protezzjoni tal-konsumaturi** fl-Unjoni, **jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-impriżi ferrovjarji, u lill-passiġġieri jiggarrantilhom livell uniformi ta' drittijiet.**

Emenda

(5) Jekk il-passiġġieri tal-ferroviji li jagħmlu vjaġġi internazzjonali u domestiċi fuq distanzi twal jingħataw l-istess drittijiet, dan iżid il-livell **tad-drittijiet tal-passiġġieri** fl-Unjoni, **b'mod partikolari rigward l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni u l-kumpens f'każ ta' dewmien jew kanċellazzjoni. Il-passiġġieri jenħtieġ li jirċievu informazzjoni kemm jista' jkun preċiża rigward id-drittijiet**

tagħhom.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) *Is-servizzi ferrovjarji urbani, suburbani u reġjonali* tal-passiġġieri għandhom natura differenti mis-servizzi fuq distanzi twal. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jitħallew jeżentaw *lis-servizzi ferrovjarji urbani, suburbani u reġjonali* tal-passiġġieri li mhumiex servizzi *transfruntieri* fl-Unjoni minn ċerti dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.

Emenda

(6) *Metros, trammijiet u servizzi ferrovjarji ħfief oħra* tal-passiġġieri għandhom natura differenti mis-servizzi fuq distanzi twal. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jitħallew jeżentaw *lil metros, trammijiet u servizzi ferrovjarji ħfief oħra* tal-passiġġieri li mhumiex servizzi *transfruntiera* fl-Unjoni minn ċerti dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Id-drittijiet *tal-utenti* għal servizzi bil-ferrovija jinkludu li jirċievu informazzjoni rigward *is-servizz kemm qabel kif ukoll* matul *il-vjaġġ. Kull meta hu possibbli, l-impriża ferrovjarji u l-bejjiġha tal-biljetti għandhom* jipprovdu *din* l-informazzjoni minn qabel u *mill-aktar fis possibbli*. Dik l-informazzjoni jenħtieġ tingħata b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

Emenda

(9) Id-drittijiet *tal-konsumaturi* għal servizzi bil-ferrovija jinkludu li jirċievu informazzjoni rigward *l-għażliet ferrovjarji disponibbli kollha u s-servizz qabel*, matul *u wara l-vjaġġ. L-impriża ferrovjarji, il-bejjiġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi jenħtieġ li* jipprovdu *dik* l-informazzjoni minn qabel u *f'ħin reali*. Dik l-informazzjoni jenħtieġ *li* tingħata b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa *u jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku*.

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa tirreferi għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 9, li jagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Sistemi tat-trasport tal-passiġġieri multimodali żviluppati sew se jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi. Jenħtieġ għalhekk li l-impriżi ferrovjarji jirreklamaw ukoll kombinazzjonijiet ma' mezzi oħra tat-trasport sabiex l-utenti tal-ferroviji jkunu konxji dwarhom qabel ma jirriżervaw il-vjaġġi tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa tirreferi għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 9, li jagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Ir-rekwiżit li jiġi pprovdut aċċess għad-data dwar l-informazzjoni tal-ivvjaġġar fuq bażi nondiskriminatorja jinkludi informazzjoni operattiva f'ħin reali dwar skedi jew orarji, konnessjonijiet intermodali, postijiet disponibbli, nollijiet u tariffi applikabbli, riżervazzjonijiet obligatorji u kwalunkwe kundizzjoni speċjali applikabbli. L-impriżi ferrovjarji jenħtieġ li jippermettu lill-operaturi tal-vjaġġi u l-bejjiegħa tal-biljetti biex jikkonkludu b'suċċess kuntratti tat-trasport, li r-riżultat tagħhom ikun il-ħruġ ta' biljetti, biljetti globali, riżervazzjonijiet u offerti kummerċjali relatati, pereżempju biljetti għat-trasport ta' rota jew bagalji kbar, kull meta jkun meħtieġ. Dan jenħtieġ li jagħmel l-ivvjaġġar aktar aċċessibbli għall-

passiġġieri u jipprovdi lill-passiġġieri b'firxa usa' ta' possibbiltajiet ta' vjaġġi u tariffi minn fejn jagħżlu.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-premessa 12, li tagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12b) Meta jipprovdu aċċess għall-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar jew għas-sistemi ta' prenotazzjoni permezz ta' interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs) l-impriżi ferrovjarji jenħtieġ li jiżguraw li l-APIs jużaw standards miftuħa, protokolli użati b'mod komuni, u formati li jinqraw minn magna. Meta ma jkunux jeżistu tali standards, protokolli jew formati, jenħtieġ li jużaw proċessi miftuħa għad-dokumentazzjoni, l-iżvilupp u l-istandardizzazzjoni fil-ħolqien ta' standards, protokolli jew formati. L-impriżi ferrovjarji jenħtieġ li jagħmluhom aċċessibbli mingħajr ħlas.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-premessa 12, li tagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 8

**Proposta għal regolament
Premessa 12c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12c) Jekk jiġu stabbiliti miżuri tekniċi li jimpedixxu jew jiżvantaġġaw lil partijiet milli jiġbru informazzjoni dwar l-ivvjaġġar minn sorsi pubblikament disponibbli għajr l-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, bħas-

siti web tagħhom, dawn il-miżuri jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala diskriminatorji.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-premessa 12, li tagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Iż-żieda fil-popolarità taċ-ċikliżmu madwar l-Unjoni qed tħalli implikazzjonijiet fuq il-mobbiltà ġenerali u t-turiżmu. Jekk fil-qasma modali jiżdied l-użu tal-ferroviji u taċ-ċikliżmu, jonqos l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent. Għalhekk l-impriżi ferrovjarji jenħtieġ jiffaċilitaw kemm jista' jkun it-taħlita taċ-ċikliżmu u l-vjaġġi bil-ferrovija, l-aktar billi **jippermettu l-ġarr tar-roti fuq il-ferroviji.**

Emenda

(13) Iż-żieda fil-popolarità taċ-ċikliżmu madwar l-Unjoni qed tħalli implikazzjonijiet fuq il-mobbiltà ġenerali u t-turiżmu. Jekk fil-qasma modali jiżdied l-użu tal-ferroviji u taċ-ċikliżmu, jonqos l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent. Għalhekk l-impriżi ferrovjarji jenħtieġ **li** jiffaċilitaw kemm jista' jkun it-taħlita taċ-ċikliżmu u l-vjaġġi bil-ferrovija, l-aktar billi **jipprovd** **l-kapaċità adegwata għall-ġarr sikur** tar-roti fuq **kull tip ta' ferrovija, anke fuq servizzi fuq distanza twila u vjaġġi transfruntiera.**

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Il-ġarr tar-roti abbord il-ferrovija jenħtieġ li jiġi rifjutat jew ristrett biss minħabba raġunijiet ġustifikati kif xieraq. Tali raġunijiet jenħtieġ li jkunu relatati partikolarment mas-sikurezza tal-passiġġieri, li ma jostakolawx il-ħruġ ta' emerġenza u li jevitaw dannu fiżiku lill-passiġġieri.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta mal-premessa 13, li tagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-impriżi ferrovjarji **għandhom** jiffaċilitaw it-trasferiment ta' passiġġieri ferrovjarji minn operatur għal ieħor billi jipprovdu biljetti globali, **kull** meta **dan ikun possibbli**.

Emenda

(14) L-impriżi ferrovjarji, **il-bejjiġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi jenħtieġ li** jiffaċilitaw it-trasferiment ta' passiġġieri ferrovjarji minn operatur għal ieħor billi jipprovdu biljetti globali. **Huma jenħtieġ li jindikaw b'mod ċar meta l-prezzijiet tal-biljetti globali jkunu differenti b'mod sostanzjali mill-prezzijiet tal-biljetti mixtrija separatament. Jenħtieġ li meta joħorġu biljetti globali jqisu li jenħtieġ li jkun hemm biżżejjed ħin għall-passiġġier biex jaqleb minn servizz għal ieħor.**

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta mal-emenda tal-Artikolu 17(8), li jagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u sabiex il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jingħataw opportunitajiet għall-ivvjaġġar bil-ferroviji li jkunu komparabbli ma' daww ta' ċittadini oħra, **għandhom** jiġu stabbiliti r-regoli għal nondiskriminazzjoni u assistenza waqt il-vjaġġ tagħhom. Il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, kemm jekk ikkawżata **mid-diżabbiltà**, mill-età jew minn xi fattur ieħor, għandhom l-istess dritt bħaċ-ċittadini l-oħra kollha għall-moviment liberu u għan-nondiskriminazzjoni. Fost l-oħrajn, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-

Emenda

(15) Fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u sabiex il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jingħataw opportunitajiet għall-ivvjaġġar bil-ferroviji li jkunu komparabbli ma' daww ta' ċittadini oħra, **jenħtieġ li** jiġu stabbiliti r-regoli għal nondiskriminazzjoni u assistenza **qabel u** waqt il-vjaġġ tagħhom. Il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, kemm jekk ikkawżata **mid-diżabbiltà**, mill-età jew minn xi fattur ieħor, għandhom l-istess dritt bħaċ-ċittadini l-oħra kollha għall-moviment liberu u għan-nondiskriminazzjoni. Fost l-oħrajn, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-

għoti ta' informazzjoni lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa rigward l-aċċessibbiltà tas-servizzi ferrovjarji, il-kundizzjonijiet tal-aċċess tal-vaguni u l-faċilitajiet abbord. Sabiex il-passiġġieri b'indeboliment sensorju jkunu mogħtija l-aħjar informazzjoni dwar xi dewmien, għandhom jintużaw sistemi viżivi u awditivi, kif jixraq. **Il-Persuni** b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom ikunu jistgħu jixtru l-biljetti minn fuq il-ferrovija mingħajr ħlasijiet żejda. Il-persunal għandu jingħata t-taħriġ kif xieraq biex ikun jista' jissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, l-aktar meta jkun qed jagħtihom assistenza. Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet tal-ivvjaġġar, dawn il-persuni għandhom jingħataw assistenza fl-istazzjonijiet u abbord f'kull ħin meta joperaw il-ferroviji u mhux biss f'ċerti ħinijiet tal-jum.

għoti ta' informazzjoni lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa rigward l-aċċessibbiltà tas-servizzi ferrovjarji, il-kundizzjonijiet tal-aċċess tal-vaguni u l-faċilitajiet abbord. Sabiex il-passiġġieri b'indeboliment sensorju jkunu mogħtija l-aħjar informazzjoni dwar xi dewmien, għandhom jintużaw sistemi viżivi u awditivi, kif jixraq. **Il-persuni** b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom ikunu jistgħu jixtru l-biljetti minn fuq il-ferrovija mingħajr ħlasijiet żejda **meta ma jkunx hemm mezz ieħor kif jixtru l-biljetti minn qabel**. Il-persunal għandu jingħata t-taħriġ kif xieraq biex ikun jista' jissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, l-aktar meta jkun qed jagħtihom assistenza. Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet tal-ivvjaġġar, dawn il-persuni għandhom jingħataw assistenza fl-istazzjonijiet u abbord f'kull ħin meta joperaw il-ferroviji u mhux biss f'ċerti ħinijiet tal-jum.

Ġustifikazzjoni

Mhux dejjem ikun possibbli li jinxtara biljett minn fuq il-ferrovija. Mhux il-ferroviji kollha jkollhom persunal fuqhom li jbigħ il-biljetti. Għaldaqstant din il-possibbiltà għandha tkun irregolata kemm jista' jkun. Din l-emenda hija marbuta mal-Artikolu 10(5), li jagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jenħtieġ jikkunsidraw il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, permezz ta' konformità mat-TSIs għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Minbarra dan, b'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, b'mod

Emenda

(16) L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jenħtieġ **li** jikkunsidraw il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, permezz ta' konformità mat-TSIs għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa **u d-direttiva XXX meta jiġu kkontemplati t-TSIs**. Minbarra dan, b'konformità mar-

partikolari d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶, il-bini u l-vaguni kollha jenħtieġ **ikunu** aċċessibbli billi progressivament jitneħħew l-ostakli fiżiċi u t-tfixikil funzjonali meta jinxtara materjal ġdid jew isir xogħol ta' kostruzzjoni jew xogħol maġġuri ta' rinnovazzjoni.

²⁶ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶, il-bini u l-vaguni kollha jenħtieġ **li jkunu** aċċessibbli billi progressivament jitneħħew l-ostakli fiżiċi u t-tfixikil funzjonali meta jinxtara materjal ġdid jew isir xogħol ta' kostruzzjoni jew xogħol maġġuri ta' rinnovazzjoni.

²⁶ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

Ġustifikazzjoni

Meta r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà ma jkunux koperti minn atti dwar it-TSIs, għandu japplika l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (id-Direttiva XXX). Id-Direttiva XXX hija intenzjonata li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni settorjali eżistenti tal-Unjoni billi tkopri aspetti li għadhom mhumiex koperti minn dik il-leġiżlazzjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Hu mixtieq li dan ir-Regolament jgħid sistema ta' kumpens għall-passiġġieri fil-każ ta' dewmien, li hija marbuta mar-responsabbiltà tal-impriża ferrovjarja, fuq l-istess bażi bħas-sistema internazzjonali pprovduta mill-COTIF u b'mod partikolari r-Regoli Uniformi CIV tagħha dwar id-drittijiet tal-passiġġieri. F'każ ta' dewmien fit-tul ta' servizz tal-passiġġieri, l-impriża ferrovjarja jenħtieġ jagħtu kumpens lill-passiġġieri skont persentaġġ tal-prezz tal-biljett.

Emenda

(17) Hu mixtieq li dan ir-Regolament jgħid sistema ta' kumpens għall-passiġġieri fil-każ ta' dewmien, li hija marbuta mar-responsabbiltà tal-impriża ferrovjarja, fuq l-istess bażi bħas-sistema internazzjonali pprovduta mill-COTIF u b'mod partikolari r-Regoli Uniformi CIV tagħha dwar id-drittijiet tal-passiġġieri. ***Il-biljetti mixtrija jenħtieġ li jkunu kompletament rimborżabbli.*** F'każ ta' dewmien fit-tul ta' servizz tal-passiġġieri, l-impriża ferrovjarja jenħtieġ ***li*** jagħtu kumpens lill-passiġġieri skont persentaġġ ***sa 100 %*** tal-prezz tal-biljett.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) L-impriżi ferrovjarji **għandhom ikunu** obbligati li jkunu assigurati, jew li jagħmlu arranġamenti ekwivalenti, għar-responsabbiltà tagħhom lejn il-passiġġieri tal-ferroviji fil-każ ta' inċident. Jekk l-Istati Membri jistabbilixxu ammont massimu ta' kumpens għad-danni f'każ ta' mewt ta' passiġġieri jew korrimenti personali ta' passiġġieri, dak l-ammont tal-inqas jenħtieġ **ikun** daqs l-ammont stabbilit fir-Regoli Uniformi CIV.

Emenda

(18) L-impriżi ferrovjarji **jenħtieġ li jkunu** obbligati li jkunu assigurati, jew li jagħmlu arranġamenti ekwivalenti, għar-responsabbiltà tagħhom lejn il-passiġġieri tal-ferroviji fil-każ ta' inċident. Jekk l-Istati Membri jistabbilixxu ammont massimu ta' kumpens għad-danni f'każ ta' mewt ta' passiġġieri jew korrimenti personali ta' passiġġieri, dak l-ammont tal-inqas jenħtieġ **li jkun** daqs l-ammont stabbilit fir-Regoli Uniformi CIV. **L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jżidu l-ammont ta' kumpens għad-danni fil-każ ta' mewt jew korrimenti personali ta' passiġġieri fi kwalunkwe mument.**

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) L-inċidenti skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu wkoll effetti negattivi fuq saħħet il-passiġġieri b'riżultat ta' ffullar fuq il-ferroviji tal-passiġġieri, sakemm dawn il-ferroviji ma jgħorrox il-passiġġieri skont l-Artikolu 16(2) ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-inċidenti skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-passiġġieri min-nuqqas, min-nuqqas ta' użu jew minn ħsara fl-arja kkundizzjonata u kundizzjonijiet tat-temperatura jew tal-umdità assoċjati li huma intolerabbli għall-passiġġieri.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati lakuni legali għad-detriment tal-passiġġieri u, b'mod partikolari, iżda mhux esklużivament, għall-finijiet tal-Premessi 3 u 5 tar-Regolament, huwa xieraq li jiġu rregolati wkoll problemi oħra għas-saħħa tal-passiġġieri tal-ferroviji li jirriżultaw min-negliġenza tat-trasportatur u li f'sens usa' jistgħu jitqabblu ma' inċident.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) F'każ ta' dewmien, il-passiġġieri **għandhom** jingħataw alternattivi għal kontinwazzjoni tat-trasport jew għal ridirezzjonar tar-rota b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli. F'dan il-każ jenħtieġ jitleqqes l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqa.

Emenda

(20) F'każ ta' dewmien, il-passiġġieri **jenħtieġ li** jingħataw alternattivi għal kontinwazzjoni tat-trasport jew għal ridirezzjonar tar-rota b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli. F'dan il-każ jenħtieġ **li** jitleqqes **b'mod partikolari** l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqa.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) *Iżda l-impriża ferrovjarja ma jenħtieġ tkun obligata tħallas kumpens jekk turi li d-dewmien seħħ minħabba kundizzjonijiet severi tat-temp jew minħabba diżastri naturali kbar li pperikolaw l-operazzjoni sikura tas-servizzi. Kull każ bħal dan jenħtieġ ikollu l-karattru ta' katastrofi naturali eċċezzjonali, kif distint mill-kundizzjonijiet normali u staġunali tat-temp, bħal ngħidu aħna l-maltempati tal-ħarifa jew l-għargħar urbani regolari li jseħħ bil-mareat jew meta jinħall is-silġ. L-impriżi ferrovjarji jenħtieġ juru li la setgħu jbassru u lanqas jevitaw id-dewmien anki meta jkunu ħadu l-miżuri*

Emenda

imħassar

raġonevoli kollha.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) F'koperazzjoni mal-amministraturi tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet jenħtieġ ***iħejju*** pjanijiet ta' kontinġenza biex kemm jista' jkun inaqqsu l-impatt tal-interruzzjonijiet il-kbar billi lill-passiġġieri jagħtuhom informazzjoni xierqa u attenzjoni.

Emenda

(22) F'koperazzjoni mal-amministraturi tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet jenħtieġ ***li jħejju u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku*** pjanijiet ta' kontinġenza biex kemm jista' jkun inaqqsu l-impatt tal-interruzzjonijiet il-kbar billi lill-passiġġieri jagħtuhom informazzjoni xierqa u attenzjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Dan ir-Regolament ***m'għandux jillimita d-drittijiet*** tal-impriżi ferrovjarji milli jitolbu kumpens mingħand xi persuna, inkluż mingħand xi partijiet terzi, ***skont il-liġi nazzjonali applikabbli.***

Emenda

(23) Dan ir-Regolament ***jenħtieġ li ma jillimitax id-drittijiet*** tal-impriżi ferrovjarji, ***il-bejjiegħa tal-biljetti, l-istazzjonijiet ferrovjarji u l-amministraturi tal-infrastruttura*** milli jitolbu kumpens, ***meta jkun applikabbli,*** mingħand xi persuna, inkluż mingħand xi partijiet terzi, ***biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-passiġġieri skont dan ir-Regolament.***

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Il-passiġġieri ferrovjarji ***għandhom ikunu*** jistgħu jressqu lment lil kwalunkwe impriża ferrovjarja ***involuta*** dwar id-

Emenda

(27) Il-passiġġieri ferrovjarji ***jenħtieġ li jkunu*** jistgħu jressqu lment lil kwalunkwe impriża ferrovjarja, ***bejjiegħ tal-biljetti,***

drittijiet u l-obbligi mogħtija minn dan ir-Regolament, u għandhom **ikun** intitolati li jirċievu twegħiba fi żmien raġonevoli.

stazzjon ferrovjarju jew amministrazur tal-infrastruttura involuti dwar id-drittijiet u l-obbligi mogħtija minn dan ir-Regolament, u għandhom **ikunu** intitolati li jirċievu twegħiba fi żmien raġonevoli.

Ġustifikazzjoni

Kif stabbilit fl-Artikolu 28(2) il-passiġġieri tal-ferrovija jistgħu jressqu lment lil kwalunkwe impriża ferrovjarja, bejjieġh tal-biljetti, stazzjon ferrovjarju jew amministrazur tal-infrastruttura involuti.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-istandards tal-kwalità tas-servizz għas-servizzi tal-passiġġieri tal-ferroviji, jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, jamministrawhom u jimmonitorjawhom.

Emenda

(28) L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jenħtieġ li jiddefinixxu l-istandards tal-kwalità tas-servizz għas-servizzi tal-passiġġieri tal-ferroviji, jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, jamministrawhom u jimmonitorjawhom, **inklużi dawk għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa.**

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-Premessa 15 fir-rigward tal-UNCRPD. L-istandards tal-kwalità tas-servizz għandhom jinkludu wkoll lill-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Biex jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fit-trasport ferrovjarju, **għandu** jkun meħtieġ li l-Istati Membri jinnominaw Korpi Nazzjonali tal-

Emenda

(29) Biex jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fit-trasport ferrovjarju, **jenħtieġ li** jkun meħtieġ li l-Istati Membri jinnominaw Korpi

Infurzar biex isegwu mill-qrib u jinfurzar dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali. Dawk il-Korpi **għandhom ikunu** jistgħu jieħdu bosta miżuri ta' infurzar. Il-passiġġieri jenħtieġ **ikunu** jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom quddiem dawn il-korpi dwar l-allegat ksur tar-Regolament. Biex ikun żgurat li dawn l-ilmenti jiġu trattati b'mod sodisfaċenti, il-korpi jenħtieġ jikkoperaw ukoll bejniethom.

Nazzjonali tal-Infurzar biex isegwu mill-qrib u jinfurzar dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali. Dawk il-Korpi **jenħtieġ li jkunu** jistgħu jieħdu bosta miżuri ta' infurzar, **u jipprovdu l-għażla lill-passiġġieri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim vinkolanti, f'konformità mad-Direttiva 2013/11/UE^{1a}**. Il-passiġġieri jenħtieġ **li jkunu** jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom quddiem dawn il-korpi dwar l-allegat ksur tar-Regolament, **u jużaw is-soluzzjoni online għat-tilwim stabbilita skont ir-Regolament 524/2013/UE^{1b} fejn miftiehem. Jenħtieġ li jiġi previst ukoll li l-ilmenti jistgħu jsiru minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi ta' passiġġieri**. Biex ikun żgurat li dawn l-ilmenti jiġu trattati b'mod sodisfaċenti, il-korpi jenħtieġ **li** jikkoperaw ukoll bejniethom **u dan ir-Regolament jenħtieġ li jkompli jiġi elenkat fl-Anness għar-Regolament 2017/2394/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1c}**. **Kull sena l-korpi tal-infurzar għandhom jipubblikaw rapporti bl-istatistika fuq is-siti web tagħhom fejn jiddeskrivu n-numru u t-tip ta' lmenti li jkunu rċevew, u r-riżultati tal-azzjonijiet tal-infurzar tagħhom. Barra minn hekk, dawn ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.**

1a Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 14).

1b Ir-Regolament (UE) Nru 524/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE

(ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1).

1c Ir-Regolament 2017/2394/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) L-Istati Membri **għandhom** jistabbilixxu penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn il-penali jiġu applikati. Il-penali, li jistgħu jinkludu l-ħlas ta' kumpens lill-persuna inkwistjoni, jenħtieġ **ikunu** effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

(31) L-Istati Membri **jenħtieġ li** jistabbilixxu penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn il-penali jiġu applikati. Il-penali, li jistgħu jinkludu l-ħlas ta' kumpens lill-persuna inkwistjoni, jenħtieġ **li jkunu** effettivi, proporzjonati u dissważivi **u jenħtieġ li jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, multa minima jew perċentwal tal-fatturat annwali tal-impriża jew l-organizzazzjoni rilevanti, skont liema minnhom ikun l-ogħla.**

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' dispożizzjoni xierqa dwar l-infurzar kien waħda mir-raġunijiet prinċipali li ġġustifikaw ir-riformulazzjoni ta' dan ir-Regolament. Huwa għalhekk ta' importanza kbira ħafna li jiġi żgurat li l-penali jkunu dissważivi sabiex l-impriżi jiġu skoraġġiti milli jaġixxu barra mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament. Dan huwa intrinsikament marbut ukoll ma' emendi oħra dwar l-infurzar fil-Kapitolu VII, inkluż dawk dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-effikaċja tal-korpi tal-infurzar u l-għajnuna lill-passiġġieri biex iressqu lmenti.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-sugġett

Is-suġġett **u l-objettivi**

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament riformulat kien riformulat f'bilanċ bejn it-tisħiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri ferrovjarji u filwaqt li jitqies l-interess pubbliku b'mod ġenerali fl-appoġġ tal-ferrovija bħala mezz tat-trasport. L-objettivi huma stabbiliti f'dan l-artikolu u għaldaqstant għandhom ikunu rikonoxxuti fit-titolu, billi din l-emenda hija intrinsikament marbuta ma' emendi oħra fit-test u hija wkoll kwistjoni ta' Prattika ta' abbozzar legali tajba.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli applikabbli għat-trasport ferrovjarju fir-rigward ta' dan li ġej:

Sabiex tiġi prevista protezzjoni effettiva tal-passiġġieri u jitħeġġeġ l-ivvjaġġar ferrovjarju, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli applikabbli għat-trasport ferrovjarju fir-rigward ta' dan li ġej:

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni fl-emenda preċedenti.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) id-drittijiet tal-passiġġieri f'każ ta' kanċellazzjoni jew dewmien;

(d) id-drittijiet **u l-kumpens** tal-passiġġieri f'każ ta' **interruzzjoni, bħal** kanċellazzjoni jew dewmien;

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) l-informazzjoni minima li għandha tingħata lill-passiġġieri;

(e) l-informazzjoni minima li għandha tingħata lill-passiġġieri ***mill-impriżi ferrovjarji, il-bejgiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi b'mod preċiż u fil-ħin u f'format aċċessibbli;***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta b'mod partikolari mal-Kapitolu II.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) ***it-trattament*** tal-ilmenti;

(h) ***proċeduri xierqa għat-trattament*** tal-ilmenti;

Ġustifikazzjoni

Sabiex jintlaħaq l-għan ta' infurzar imtejjeb fir-Regolament riformulat, huwa importanti li kemm il-konsumaturi kif ukoll il-korpi nazzjonali tal-infurzar ikunu jistgħu jistrieħu fuq proċeduri robusti li jiffaċilitaw ipproċessar aktar faċli u aktar f'waqtu tal-ilmenti. Din l-emenda hija intrinsikament marbuta mal-emendi b'mod partikolari għall-Kapitolu VII.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ***is-servizzi ferrovjarji urbani, suburbani u reġjonali*** tal-passiġġieri kif ***imsemmi*** fid-Direttiva 2012/34/UE, ***għajr is-servizzi transfruntieri fl-Unjoni;***

(a) ***Il-metros, it-trammijiet u servizzi ferrovjarji ħfief oħra*** tal-passiġġieri kif ***imsemmija*** fid-Direttiva 2012/34/UE ***u definiti aktar fid-Direttiva 2016/797/UE;***

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) is-servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-passiġġieri li parti konsiderevoli minnhom, inkluż minn tal-inqas waqfa waħda prevista fi stazzjon, issir barra l-Unjoni, ***u diment li d-drittijiet tal-passiġġieri jkunu żgurati kif xieraq skont il-liġi nazzjonali rilevanti*** fit-territorju tal-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni.

Emenda

(b) is-servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-passiġġieri li parti konsiderevoli minnhom, inkluż minn tal-inqas waqfa waħda prevista fi stazzjon, issir barra l-Unjoni, ***esklużivament għall-parti li mhijiex operata*** fit-territorju tal-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) is-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri li jużaw vetturi riżervati għal użu strettament lokali, storiku jew turistiku.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-eżenzjonijiet mogħtija skont il-punti (a) ***u (b) tal-paragrafu 2, u dwar l-adeqgatezza tal-liġi nazzjonali tagħhom fit-territorju tagħhom għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 2.***

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-eżenzjonijiet mogħtija skont il-punti (a), (b) u ***(ba)*** tal-paragrafu 2.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Artikoli 5, **10**, 11 u **25** u l-Kapitolu V għandhom japplikaw għas-servizzi ferrovjarji kollha tal-passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, **inkluż is-servizzi** eżentati skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2.

Emenda

4. L-Artikoli **4**, 5, **6**, 7, 11 u **12** u l-Kapitolu V għandhom japplikaw għas-servizzi ferrovjarji kollha tal-passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1 **ta' dan l-Artikolu, inklużi s-servizzi** eżentati skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 **ta' dan l-Artikolu. L-Artikoli 10 u 17 għandhom japplikaw għas-servizzi ferrovjarji kollha tal-passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inklużi s-servizzi eżentati skont il-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.**

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) "bejjiegħ tal-biljetti" tfisser kull bejjiegħ bl-imnut ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju li jikkonkludi kuntratti ta' trasport u li jbigħ biljetti f'isem impriża ferrovjarja jew għalih innifsu;

Emenda

(5) "bejjiegħ tal-biljetti" tfisser kull bejjiegħ bl-imnut ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju li jikkonkludi kuntratti ta' trasport u li jbigħ biljetti **u biljetti globali** f'isem impriża ferrovjarja **waħda jew aktar** jew għalih innifsu;

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta mal-Artikolu 10(1) u (6), li jagħmlu parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) "biljett" tfisser evidenza valida li tintitola lill-passiġġier għal trasport ferrovjarju, irrispettivament mill-forma

**tiegħu, bħal karta, biljett elettroniku,
smart card jew kard tal-ivvjaġġar;**

Ġustifikazzjoni

Il-biljetti jista' jkollhom ħafna forom differenti, b'mod speċjali fid-dawl tal-iżvilupp ta' pjattaformi online. Għalhekk, għandu jkun ċar li hija evidenza valida, irrispettivament mill-forma tagħha, li tintitola lill-passiġġier jivvjaġġa b'servizz ferrovjarju.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) "**biljetti** globali" tfisser biljett jew biljetti **li jirrappreżentaw kuntratt ta' trasport uniku** għal servizzi ferrovjarji suċċessivi mogħtija minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar;

Emenda

(8) "**biljett** globali" tfisser biljett jew biljetti **separati** għal servizzi ferrovjarji suċċessivi mogħtija minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar **mixtrija mill-istess bejniegħ tal-biljetti, operatur tal-vjaġġi jew impriża ferrovjarja għal vjaġġ mill-bidu sal-aħħar**;

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta mal-Artikolu 10(1) u (6), li jagħmlu parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) "vjaġġ" tfisser il-ġarr ta' passiġġieri bejn stazzjon tat-tluq u stazzjon tal-wasla **skont kuntratt ta' trasport uniku**;

Emenda

(10) "vjaġġ" tfisser il-ġarr ta' passiġġieri bejn stazzjon tat-tluq u stazzjon tal-wasla;

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

(10a) "l-aħjar vjaġġ ferrovjarju uniku" tfisser l-aħjar vjaġġ ferrovjarju f'direzzjoni waħda (eż. l-orħos, l-aktar rapidu jew l-aktar konvenjenti) bejn kwalunkwe żewġ stazzjonijiet ferrovjarji (kemm fi ħdan Stat Membru kif ukoll minn naħa għal oħra tal-fruntieri interni tal-Unjoni), li jista' jinkludi servizz ferrovjarju suċċessiv wieħed jew aktar u jirrispetta ħinijiet ta' konnessjoni standard minimi kif previst minn dawk li jippjanaw il-vjaġġi ferrovjarji uffiċjali, u li jista' jinkludi aktar minn biljett suċċessiv jew kuntratt tat-trasport wieħed, skont liema soluzzjoni tkun l-aħjar għall-passiġġier.

Ġustifikazzjoni

It-teknoloġija attwali tippermetti lill-passiġġieri jipprenotaw vjaġġi ferrovjarji suċċessivi u jagħżlu l-aħjar soluzzjoni għall-vjaġġ tagħhom (eż. l-orħos, l-aktar rapidu jew l-aktar konvenjenti) irrISPETTIVAMENT min-numru ta' biljetti (uniku jew separat suċċessiv). Id-definizzjoni tiċċara l-Artikolu 3(8) u ġġib konsistenza legali fir-Regolament. Din l-emenda tallinja dan ir-Regolament ma' dawk li jirregolaw id-drittijiet tal-passiġġieri f'mezzi oħrajn tat-trasport (eż. bl-ajru). It-terminu "l-aħjar vjaġġ ferrovjarju uniku" jippermetti lill-passiġġier jagħmel l-aktar għażla xierqa għall-ivvjaġġar u huwa debitament ġustifikat bl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

(16) "persuna b'diżabbiltà" u "persuna b'mobbiltà mnaqqsa" tfisser kull persuna li għandha indeboliment fiżiku, mentali, intellettuali jew li jolqot is-sensi, permanenti jew temporanju li, meta tiltaqa' ma' bosta ostakli, jista' jfixkilha milli tuża t-trasport bis-sħiħ u b'mod effettiv bħall-passiġġieri l-oħra jew li l-mobbiltà tagħha

(16) "persuna b'diżabbiltà" u "persuna b'mobbiltà mnaqqsa" tfisser kull persuna li għandha indeboliment fiżiku, mentali, intellettuali jew li jolqot is-sensi, permanenti jew temporanju li, meta tiltaqa' ma' bosta ostakli, jista' jfixkilha milli tuża t-trasport bis-sħiħ u b'mod effettiv bħall-passiġġieri l-oħra jew li l-mobbiltà tagħha

meta tuża t-trasport tonqos *minħabba l-età*;

meta tuża t-trasport tonqos;

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) "servizz ferrovjarju ħafif tal-passiġġieri' tfisser sistema tat-trasport ferrovjarja urbana u/jew suburbana b'reżistenza ta' C-III jew C-IV għall-ħabtiet (f'konformità mal-EN 15227/2011) u saħħa massima tal-vettura ta' 800 kN (forza kompressiva lonġitudinali fiż-żona ta' agganċjament)([...]); is-sistemi tal-ferrovija ħafifa jista' jkollhom id-dritta tagħhom jew inkella jaqsmuha mat-traffiku tat-triq u s-soltu ma jibdlux il-vetturi mat-traffiku tal-passiġġieri jew tal-merkanzija fuq distanzi twal;

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta mal-Artikolu 2(2), li jagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) "interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet" tfisser interfaċċa elettronika għall-kisba ta' informazzjoni dwar skedi u orarji, konnessjonijiet intermodali, inkluża informazzjoni f'ħin reali ta' dewmien possibbli, sits disponibbli, nollijiet applikabbli, riżervazzjonijiet obbligatorji u kundizzjonijiet speċjali, l-aċċessibilità ta' servizzi ta' trasport, u li tippermetti wkoll ix-xiri ta' biljetti, biljetti globali u prenotazzjonijiet.

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni l-ġdida hija neċessarja bl-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda fl-Artikolu 10(a) (ġdid).

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għat-tariffi soċjali, l-impriżi ferrovjarji u ***l-bejjiegħa tal-biljetti*** għandhom joffru kundizzjonijiet kuntrattwali u tariffi lill-pubbliku ġenerali mingħajr diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba n-nazzjonalità jew ir-residenza ***tal-klijent*** aħħari jew minħabba l-post tal-istabbiliment tal-impriża ferrovjarja jew tal-bejjiegħ tal-biljetti fl-Unjoni.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għat-tariffi soċjali, l-impriżi ferrovjarji, ***il-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi*** għandhom joffru kundizzjonijiet kuntrattwali u tariffi ***u għandhom ibiġhu biljetti u biljetti globali*** lill-pubbliku ġenerali ***u jaċċettaw prenotazzjonijiet*** mingħajr diskriminazzjoni diretta jew indiretta ***partikolarment*** minħabba n-nazzjonalità, ***l-oriġini*** jew ir-residenza ***tal-passiġġier*** aħħari jew minħabba l-post tal-istabbiliment tal-impriża ferrovjarja jew tal-bejjiegħ tal-biljetti fl-Unjoni. ***Barra minn hekk, l-impriżi ferrovjarji, il-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi m'għandhomx, fi ħdan il-medda ta' mezz ta' pagament aċċettati minnhom, japplikaw, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-klijent, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, kundizzjonijiet differenti għal tranżazzjoni ta' pagament, meta:***

(a) it-tranżazzjoni tal-pagament issir permezz ta' tranżazzjoni elettronika bi trasferiment tal-kreditu, b'debitu dirett jew bi strument ta' pagament bil-kards fl-istess ditta u kategorija tal-pagamenti;

(b) jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-

*awtentikazzjoni skont id-Direttiva
(UE) 2015/2366; kif ukoll*

*(c) it-tranżazzjonijiet tal-pagament ikunu
f'munita aċċettata mill-impriża
ferrovjarja, il-bejjiegħ tal-biljetti jew l-
operatur tal-vjaġġi.*

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li jrikkbu r-roti abbord il-ferrovija, **meta jkun xieraq, bi ħlas raġonevoli. Dawn għandhom iżommu għajnejhom fuq ir-roti tagħhom matul il-vjaġġ u jiżguraw li ma jkunux ta' inkonvenjenza u li ma jikkawżaw l-ebda dannu lill-passiġġieri l-oħrajn, lit-tagħmir tal-mobbiltà, lill-bagalji jew lill-operazzjonijiet ferrovjarji.** Il-ġarr tar-roti jista' jiġi rrifjutat jew ristrett minħabba **s-sikurezza jew minħabba raġunijiet operazzjonali**, diment li l-impriżi ferrovjarji, il-bejjiegħa tal-biljetti, l-operaturi turistiċi u, fejn xieraq, l-amministraturi tal-istazzjonijiet javżaw lill-passiġġieri **bil-kundizzjonijiet għal dan ir-rifjut jew għal din ir-restrizzjoni** skont ir-Regolament (UE) Nru 454/2011.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-impriżi ferrovjarji jistgħu joffru kundizzjonijiet kuntrattwali aktar favorevoli lill-passiġġieri mill-

Emenda

Il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li jrikkbu r-roti, **kemm jekk immuntati kif ukoll jekk le**, abbord il-ferrovija, **inkluż fuq ferroviji b'veloċità għolja, fuq distanza twila u bejn fruntiera u oħra. Dak is-servizz għandu jiġi offrut mingħajr ħlas jew, f'każijiet eċċezzjonali, bi ħlas raġonevoli. Il-vetturi ferrovjarji kollha ġodda jew rinnovati għandhom jinkludu spazji biżżejjed, indikati sew u ddedikati għall-ġarr tar-roti mmuntati.** Il-ġarr tar-roti jista' jiġi rrifjutat jew ristrett **biss** minħabba **minħabba raġunijiet ta' sikurezza ġġustifikati sew**, diment li l-impriżi ferrovjarji, il-bejjiegħa tal-biljetti, l-operaturi turistiċi u, fejn xieraq, l-amministraturi tal-istazzjonijiet javżaw lill-passiġġieri, **mhux aktar tard minn meta jixtru l-biljett, bil-kundizzjonijiet għall-ġarr tar-roti fis-servizzi kollha**, skont ir-Regolament (UE) Nru 454/2011.

Emenda

2. L-impriżi ferrovjarji, **l-operaturi tal-vjaġġi jew il-bejjiegħa tal-biljetti** jistgħu joffru kundizzjonijiet kuntrattwali

kundizzjonijiet imniżżla f'dan ir-Regolament.

aktar favorevoli lill-passiġġieri mill-kundizzjonijiet imniżżla f'dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrikonoxxi li mhumiex sempliċement l-impriżi ferrovjarji li joffru biljetti lill-passiġġieri u dan ma jaffettwax ir-relazzjoni minn negozju għal negozju/il-libertà tal-kuntratt bejn l-impriżi ferrovjarji u l-operaturi tal-vjaġġi/bejjeġha tal-biljetti u hija f'konformità mat-test tal-Kummissjoni fil-Kapitolu II.

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

L-obbligu li tingħata informazzjoni dwar il-waqfien tas-servizzi ferrovjarji

Emenda

L-obbligu li tingħata informazzjoni **u konsultazzjoni** dwar il-waqfien **jew it-tnaqqis sostanzjali** tas-servizzi ferrovjarji

Ġustifikazzjoni

B'kunsiderazzjoni tal-intenzjoni ta' dan ir-regolament u tal-emendi proposti mill-Kummissjoni, biex jissaħħu d-drittijiet tal-passiġġieri b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, u wkoll biex jittejbu d-drittijiet tal-passiġġieri b'mod ġenerali, huwa importanti li jiġi żgurat li l-passiġġieri jiġu ttrattati b'mod ġust mill-impriżi ferrovjarji. Din l-emenda għalhekk hija marbuta b'mod intrinsiku ma' proposti oħra, inklużi dawk dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-impriżi u dwar in-nondiskriminazzjoni kontra passiġġieri fl-Artikolu 1 u l-Kapitoli relatati u d-dispożizzjonijiet kollha ta' aċċessibbiltà fil-Kapitolu V u dispożizzjonijiet oħra.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-impriżi ferrovjarji, jew meta jkun xieraq, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-kuntratt tas-servizz ferrovjarju pubbliku għandhom jippubblikaw b'mezzi xierqa, inkluż b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà skont ir-rekwiżiti tal-

Emenda

L-impriżi ferrovjarji, jew meta jkun xieraq, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-kuntratt tas-servizz ferrovjarju pubbliku għandhom jippubblikaw b'mezzi xierqa, **u mingħajr dewmien** inkluż b'formati aċċessibbli għall-persuni

aċċessibbiltà stabbiliti fid-Direttiva XXX³¹, u qabel l-implimentazzjoni **tagħhom, id-deċiżjonijiet** li jitwaqqfu **s-servizzi** kemm jekk b'mod permanenti jew b'mod temporanju.

³¹ Id-Direttiva XXX dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà) (ĠU L X, X.X.XXXX, p. X).

b'diżabbiltà skont ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti fid-Direttiva XXX³¹, u **fi żmien biżżejjed** qabel l-implimentazzjoni, **il-proposti** li jitwaqqfu **jew li jitnaqqsu sostanzjalment is-servizzi** kemm jekk b'mod permanenti jew b'mod temporanju, **u għandhom jiżguraw li dawk il-proposti jkunu soġġetti għal konsultazzjoni sinifikanti u xierqa qabel ma ssir kwalunkwe implimentazzjoni.**

³¹ Id-Direttiva XXX dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà) (ĠU L X, X.X.XXXX, p. X).

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-impriżi ferrovjarji u l-bejjiġġa tal-biljetti li joffru kuntratti ta' trasport f'isem impriża ferrovjarja waħda jew aktar għandhom jipprovdu lill-passiġġier, **fuq talba tiegħu**, minn tal-inqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness II, il-Parti I fir-rigward tal-vjaġġi li għalihom jiġi offrut kuntratt ta' trasport mill-impriża ferrovjarja konċernata. **Il-bejjiġġa tal-biljetti li joffru kuntratti ta' trasport għalihom infushom, u l-operaturi tal-vjaġġi, għandhom jipprovdu din l-informazzjoni meta tkun disponibbli.**

Ġustifikazzjoni

Għal konformità mal-loġika interna u l-għanijiet tar-Regolament, huwa importanti li jiġi żgurat li l-klijenti jirċievu informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar il-vjaġġ tagħhom mill-bejjiġġ rilevanti tal-biljett tagħhom. Din l-emenda hija intrinsikament marbuta mad-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni, inkluż l-Anness II kollu kemm hu.

Emenda

1. L-impriżi ferrovjarji, **l-operaturi tal-vjaġġi** u l-bejjiġġa tal-biljetti li joffru kuntratti ta' trasport **f'isimhom stess jew** f'isem impriża ferrovjarja waħda jew aktar għandhom jipprovdu lill-passiġġier minn tal-inqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness II, il-Parti I fir-rigward tal-vjaġġi li għalihom jiġi offrut kuntratt ta' trasport mill-impriża ferrovjarja konċernata.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-impriżi ferrovjarji u, meta possibbli l-bejjiegħa tal-biljetti għandhom jipprovdu lill-passiġġier waqt il-vjaġġ, inkluż fl-istazzjonijiet ta' konnessjoni, minn tal-inqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness II, il-Parti II.

Emenda

2. L-impriżi ferrovjarji u, meta possibbli, ***l-operaturi tal-vjaġġi u*** l-bejjiegħa tal-biljetti għandhom jipprovdu lill-passiġġier waqt il-vjaġġ, inkluż fl-istazzjonijiet ta' konnessjoni, minn tal-inqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness II, il-Parti II.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-informazzjoni imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tingħata ***bl-aktar format xieraq inkluż*** billi jintużaw teknoloġiji aġġornati tal-komunikazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat li din l-informazzjoni tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà skont ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti fid-Direttiva XXX u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011.

Emenda

3. L-informazzjoni imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tingħata billi jintużaw teknoloġiji aġġornati tal-komunikazzjoni ***faċilment aċċessibbli, użati b'mod komuni u f'ħin reali, u bil-miktub, kull meta jkun possibbli***. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat li din l-informazzjoni tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà skont ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti fid-Direttiva XXX u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011. ***Id-disponibbiltà tal-formats aċċessibbli għandha tiġi rreklamata b'mod ċar***.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-amministraturi tal-istazzjonijiet **u** l-amministraturi tal-infrastruttura għandhom jagħmlu disponibbli d-dejta ta' ħin reali dwar il-ferroviji, anki dwar dawk is-servizzi mħaddma minn impriżi ferrovjarji oħrajn, għall-impriżi ferrovjarji u għall-bejgiegħa tal-biljetti b'mod **mhux diskriminatorju**.

Emenda

4. L-amministraturi tal-istazzjonijiet, l-amministraturi tal-infrastruttura **u l-impriżi ferrovjarji** għandhom jagħmlu disponibbli d-dejta ta' ħin reali dwar il-ferroviji, anki dwar dawk is-servizzi mħaddma minn impriżi ferrovjarji oħrajn, għall-impriżi ferrovjarji u għall-bejgiegħa tal-biljetti b'mod **nondiskriminatorju, bil-format l-aktar xieraq, f'interfaċċa teknika interoperabbli billi jintużaw it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni l-aktar riċenti sabiex l-impriżi ferrovjarji u l-bejgiegħa tal-biljetti jipprovdu lill-passiġġieri bl-informazzjoni kollha meħtieġa minn dan ir-Regolament**.

Emenda 52

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-impriżi ferrovjarji u l-bejgiegħa tal-biljetti li joffru kuntratti tat-trasport f'isem impriża ferrovjarja waħda jew aktar għandhom jipprovdu lill-passiġġieri b'informazzjoni dwar kwalunkwe konnessjoni ma' mezzi oħra tat-trasport.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta mal-Artikoli 9 u 14.

Emenda 53

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. L-impriżi ferrovjarji f'kooperazzjoni mal-amministraturi tal-

*istazzjon u l-amministraturi tal-
infrastruttura għandhom jindikaw fl-
orarji informazzjoni dwar il-
konnnessjonijiet u l-istazzjonijiet ferrovjarji
aċċessibbli.*

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-Artikolu 1. Din l-informazzjoni għandha tiffaċilita l-ivvjaġġar bil-ferrovija għall-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqa.

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-impriżi ferrovjarji u ***l-bejgiegħa tal-biljetti*** għandhom joffru biljetti u, ***meta disponibbli, biljetti globali*** u ***riżervazzjonijiet***. Dawn għandhom jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex joffri biljetti globali, anki għall-vjaġġi li jaqsmu l-fruntieri u li jinvolvu aktar minn impriża ferrovjarja waħda.

Emenda

1. L-impriżi ferrovjarji, ***il-bejgiegħa tal-biljetti*** u ***l-operaturi tal-vjaġġi*** għandhom joffru biljetti, ***biljetti globali*** u ***riżervazzjonijiet, anki għall-vjaġġi li jaqsmu l-fruntieri jew li jinvolvu ferroviji u vjaġġi ta' billejl b'aktar minn impriża ferrovjarja waħda. Il-prenotazzjoni ta' dawk il-biljetti għandha tkun aċċessibbli u nondiskriminatorja, inkluż għal persuni b'diżabbiltà u għal persuni b'mobbiltà mnaqqa. L-impriżi ferrovjarji, il-bejgiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jiżviluppaw interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u formati tad-data xierqa madwar l-Ewropa, li jippermettu skambju ta' informazzjoni interkonnness, bejn ir-reġjuni u l-pajjiżi kif ukoll il-prenotazzjoni tal-biljetti minn fuq l-internet.***

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3 u 4, l-impriżi ferrovjarji **u l-bejjiegħa** tal-biljetti għandhom jiddistribwixxu l-biljetti lill-passiġġieri permezz ta' minn tal-inqas wieħed mill-punti tal-bejgħ li ġejjin:

- (a) mill-uffiċċji tal-biljetti jew bil-magni tal-biljetti;
- (b) bit-telefown, **bl-internet** jew b'xi teknoloġija tal-informatika oħra disponibbli b'mod wiesa';
- (c) abbord il-ferroviji.

L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-impriżi ferrovjarji jipprovdu biljetti għas-servizzi pprovduti skont kuntratti ta' servizz pubbliku permezz ta' aktar minn punt wieħed tal-bejgħ li ġejjin.

Emenda 56

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-impriżi ferrovjarji għandhom joffru l-possibbiltà li jinkisbu biljetti għas-servizz rispettiv abbord il-ferrovija, diment li dan ma jkunx limitat jew miċħud minħabba raġunijiet marbuta mas-sigurtà jew ta' politika kontra l-frodi jew **ta' riżervazzjoni ferrovjarja obbligatorja** jew **minħabba raġunijiet kummerċjali raġonevoli**.

Ġustifikazzjoni

Sabiex aktar persuni jużaw is-servizz ferrovjarju fl-Ewropa, hemm bżonn ta' drittijiet tal-passiġġieri ċari u msaħħa skont l-għanijiet tar-Regolament. Kull restrizzjoni tal-opportunità ta' passiġġier li jixtri biljetti abbord ferrovija għandha tkun kemm raġonevoli kif ukoll ġustifikabbli. Il-politika ta' sigurtà/kontra l-frodi u d-disponibbiltà tal-ispazju huma t-tnejn

Emenda

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3 u 4, l-impriżi ferrovjarji, **il-bejjiegħa** tal-biljetti **u l-operaturi tal-vjaġġi** għandhom jiddistribwixxu l-biljetti, **il-biljetti globali u l-prenotazzjonijiet** lill-passiġġieri permezz **tal-internet u ta'** minn tal-inqas wieħed mill-punti tal-bejgħ li ġejjin:

- (a) mill-uffiċċji tal-biljetti jew bil-magni tal-biljetti;
- (b) bit-telefown jew b'xi teknoloġija tal-informatika oħra disponibbli b'mod wiesa';
- (c) abbord il-ferroviji.

raġunijiet leġittimi ta' limitazzjoni peress li "raġunijiet kummerċjali raġonevoli" hija vaga wisq. Din l-emenda hija għalhekk neċessarja għal raġunijiet urġenti ta' loġika interna u wkoll minħabba li hija intrinsikament marbuta mas-suġġett tal-Artikolu 1 u l-għanijiet ġenerali kif espressi fil-valutazzjonijiet tal-impatt u n-noti spjegattivi.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta ma jkunx hemm ufficiċju tal-biljetti jew magna tal-biljetti fl-istazzjon tat-tluq, il-passiġġieri għandhom ikunu infurmati fl-istazzjon:

Emenda

4. ***Il-biljetti għandhom jiġu stampati mill-ġdid għall-passiġġieri fil-jum tal-vjaġġ fuq talba, jew fl-ufficiċju tal-biljetti jew permezz ta' magna tal-biljetti.*** Meta ma jkunx hemm ufficiċju tal-biljetti jew magna tal-biljetti fl-istazzjon tat-tluq ***jew meta l-ufficiċju tal-biljetti jew il-magna tal-biljetti ma jkunux aċċessibbli għalkollox***, il-passiġġieri għandhom ikunu infurmati fl-istazzjon:

Ġustifikazzjoni

Il-biljetti stampati huma ħafna drabi neċessarji biex jiġu rimborżati t-tariffi tal-ivvjaġġar tal-passiġġieri mill-impjegaturi. Meta jkun impossibbli li stazzjon jistampahom, il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li jiġu infurmati dwar dan fl-istazzjon. Din l-emenda hija neċessarja minħabba li hija intrinsikament marbuta mad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà u tibdil ieħor tal-Kummissjoni fl-Artikolu 10.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta ma jkunx hemm ufficiċju tal-biljetti jew magna tal-biljetti ***aċċessibbli*** fl-istazzjon tat-tluq, ***il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa*** għandhom ikunu jistgħu jixtru l-biljetti fuq il-ferrovija mingħajr ħlas żejjed.

Emenda

5. Meta ma jkunx hemm ufficiċju tal-biljetti ***miftuħ*** jew magna tal-biljetti ***li taħdem sew*** fl-istazzjon tat-tluq, ***il-passiġġieri*** għandhom ikunu jistgħu jixtru l-biljetti fuq il-ferrovija mingħajr ħlas żejjed. ***Il-biljetti mixtrija fuq il-ferrovija m'għandhomx jiswew aktar min-noll standard rilevanti għall-vjaġġ ikkonċernat***

bi kwalunkwe skont applikabbli.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Meta ***l-passiġġier jirċievi*** biljetti separati għal vjaġġ wieħed li jinkludi servizzi ferrovjarji suċċessivi mħaddma minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar, id-drittijiet ***tiegħu*** għall-informazzjoni, l-assistenza, l-għajnuna u l-kumpens għandhom ikunu bħal dawk mogħtija bil-biljetti globali u jkopru l-vjaġġ kollu tat-tluq lejn id-destinazzjoni finali, ***għajr jekk il-passiġġier ikun informat b'mod espliċitu mod ieħor bil-miktub. B'mod partikolari, din l-informazzjoni għandha tiddikjara li meta l-passiġġier ma jilħaqx xi konnessjoni, dan ma jkunx intitolat għal assistenza jew kumpens abbażi tat-tul kollu tal-vjaġġ. L-oneru tal-prova li l-informazzjoni ngħatat għandha tkun f'idejn l-impriża ferrovjarja, l-aġent tagħha, l-operatur tal-vjaġġi jew il-bejjiegħ tal-biljetti.***

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Meta ***l-passiġġieri jirċievu*** biljetti separati għal vjaġġ wieħed li jinkludi servizzi ferrovjarji suċċessivi mħaddma minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar, id-drittijiet ***tagħhom*** għall-informazzjoni, l-assistenza, l-għajnuna u l-kumpens għandhom ikunu bħal dawk mogħtija bil-biljetti globali u jkopru l-vjaġġ kollu tat-tluq lejn id-destinazzjoni finali.

Emenda

Artikolu 10a

L-għoti ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar permezz tal-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet

1. L-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu aċċess nondiskriminatorju għall-informazzjoni kollha dwar l-ivvjaġġar, inkluża informazzjoni operattiva fil-ħin reali u d-data dwar l-

orarji u t-tariffi, kif imsemmi fl-Artikolu 9, permezz tal-interfaċċi għall-iprogrammar tal-applikazzjonijiet.

2. L-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu lill-operaturi tal-vjaġġi, lill-bejjiegħa tal-biljetti u lil impriżi ferrovjarji oħra, li jbigħu s-servizz tagħhom, aċċess nondiskriminatorju għas-sistemi ta' prenotazzjoni permezz ta' APIs, sabiex ikunu jistgħu jikkonkludu kuntratti tat-trasport u joħorġu biljetti, biljetti globali u prenotazzjonijiet, b'tali mod li jipprovdu l-aħjar vjaġġ u l-aktar wieħed kosteffettiv, inklużi vjaġġi transfruntiera.

3. L-impriżi ferrovjarji għandhom jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-APIs huma dokumentati sew u aċċessibbli b'mod miftuħ mingħajr ebda spiża. L-APIs għandhom jużaw standards miftuħa, protokollu użati b'mod komuni, u formati li jinqraw minn magna sabiex jagħmluhom interoperabbli.

4. L-impriżi ferrovjarji għandhom jiżguraw li, ħliet għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, kwalunkwe bidla fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-APIs tagħhom issir disponibbli bil-quddiem għall-operaturi tal-vjaġġi u l-bejjiegħa tal-biljetti kemm jista' jkun malajr u mhux inqas minn 3 xhur qabel ma tiġi implimentata bidla. Sitwazzjonijiet ta' emerġenza għandhom jiġu dokumentati sew u d-dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

5. L-impriżi ferrovjarji għandhom jiżguraw li l-aċċess għall-APIs jingħata b'mod nondiskriminatorju, fl-istess livell ta' disponibbiltà u prestazzjoni, inklużi l-appoġġ, l-aċċess għad-dokumentazzjoni, l-istandards, il-protokollu u l-formati kollha. L-operaturi tal-vjaġġi u l-bejjiegħa tal-biljetti m'għandhomx ikunu fi żvantaġġ meta mqabbla mal-impriżi ferrovjarji nfushom.

6. *L-APIs għandhom jiġu stabbiliti skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017.*

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta mal-Artikolu 10(1), li jagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

1. F'każ li jkun hemm mistenni b'mod raġonevoli, fil-post tat-tluq jew f'każ ta' konnessjonijiet li ma ntlaħqux matul vjaġġ ***b'biljett globali***, li d-dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali ***skont il-kuntratt ta' trasport*** se jkun aktar minn **60** minuta, il-passiġġier għandu minnufih jingħata l-għażla bejn waħda minn dawn li ġejjin:

Emenda

1. F'każ li jkun hemm mistenni b'mod raġonevoli, fil-post tat-tluq jew f'każ ta' konnessjonijiet li ma ntlaħqux matul vjaġġ, li d-dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali se jkun aktar minn **45** minuta, il-passiġġier għandu minnufih jingħata l-għażla bejn waħda minn dawn li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li jkollhom l-għażla irrispettivament minn jekk dawn ikollhomx biljett globali, vjaġġ wieħed b'biljett wieħed, vjaġġ bir-ritorn jew vjaġġ ikkombinat. Il-formaluzzjoni "kuntratt ta' trasport" tneħħiet għall-finijiet ta' ċarezza legali peress li jista' jkun hemm aktar minn kuntratt wieħed involut. Dan huwa f'konformità mal-emendi l-oħra tagħna fi ħdan il-Kapitolu IV.

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, ir-ridirezzjonar komparabbli jista' jsir minn kwalunkwe impriża ferrovjarja u jista' jkun jinvolvi l-użu ta' trasport ta' klassi ogħla u mezzi alternattivi ta' trasport mingħajr ma jinħolqu spejjeż addizzjonali lill-passiġġier. L-impriżi

Emenda

2. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, ***f'każ li konnessjoni ma tintlaħaqx minħabba dewmien jew kanċellazzjoni ta' parti preċedenti tal-vjaġġ tal-passiġġier, dan għandu jitħalla jaqbad is-servizz disponibbli li jkun imiss sabiex jilħaq id-destinazzjoni finali***

ferrovjarji għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jevitaw konnessjonijiet addizzjonali. B'kollox, il-ħin tal-vjaġġ bil-mezz ta' trasport alternattiv għall-parti tal-vjaġġ li ma tkunx saret skont kif ippjanat għandu jkun komparabbli mal-ħin skedat tal-vjaġġ oriġinali. Il-passiġġieri m'għandhomx jingħataw faċilitajiet tat-trasport ta' klassi aktar baxxa għajr meta dawn il-faċilitajiet ikunu l-uniku mezz ta' ridirezzjonar disponibbli.

ppjanata tiegħu. Ir-ridirezzjonar komparabbli jista' jsir minn kwalunkwe impriża ferrovjarja u jista' jkun jinvolvi l-użu ta' trasport ta' klassi oġġla u mezzi alternattivi ta' trasport mingħajr ma jinħolqu spejjeż addizzjonali lill-passiġġieri. L-impriżi ferrovjarji għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jevitaw konnessjonijiet addizzjonali. B'kollox, il-ħin tal-vjaġġ bil-mezz ta' trasport alternattiv għall-parti tal-vjaġġ li ma tkunx saret skont kif ippjanat għandu jkun komparabbli mal-ħin skedat tal-vjaġġ oriġinali. Il-passiġġieri m'għandhomx jingħataw faċilitajiet tat-trasport ta' klassi aktar baxxa għajr meta dawn il-faċilitajiet ikunu l-uniku mezz ta' ridirezzjonar disponibbli.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-fornituri tas-servizzi tat-trasport ridirezzjonat għandhom **jagħtu attenzjoni partikolari biex il-persuni** b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa **jingħataw** livell ta' aċċessibbiltà li hu komparabbli ma' dak tas-servizz alternattiv.

Emenda

3. Il-fornituri tas-servizzi tat-trasport ridirezzjonat għandhom **jipprovdu lill-persuni** b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa livell ta' **assistenza u** aċċessibbiltà li hu komparabbli ma' dak tas-servizz alternattiv.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mingħajr ma jitlef id-dritt għat-trasport, passiġġier **jista' jitlob** kumpens għal dewmien mingħand l-impriża ferrovjarja jekk ikollu dewmien bejn il-postijiet tat-tluq u tal-wasla **mogħtija** fil-kuntratt ta' trasport li għalih l-ispiża tal-biljett ma ġietx rimborżata skont l-

Emenda

1. Mingħajr ma jitlef id-dritt għat-trasport **għall-vjaġġ**, passiġġier **għandu jkun intitolat għal** kumpens għal dewmien mingħand l-impriża ferrovjarja jekk ikollu dewmien bejn il-postijiet tat-tluq u tal-wasla **ddikjarati fuq il-biljett u** fil-kuntratt ta' trasport li għalih l-ispiża tal-biljett ma

Artikolu 16. Il-kumpens minimu għad-dewmien għandu jkun kif ġej:

ġietx rimborżata skont l-Artikolu 16. Il-kumpens minimu għad-dewmien għandu jkun kif ġej:

Ġustifikazzjoni

L-iskema ta' kumpens preċiża hija aspett importanti tal-effettività ġenerali tar-Regolament u għalhekk hija marbuta b'mod intrinsiku mal-għanijiet sottostanti tiegħu u b'mod speċjali mal-Kapitoli VI u VII.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) 25 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien minn **60** minuta sa **119-il** minuta,

(a) 50 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien minn **45** minuta sa **89** minuta,

Ġustifikazzjoni

L-iskema ta' kumpens preċiża hija aspett importanti tal-effettività ġenerali tar-Regolament u għalhekk hija marbuta b'mod intrinsiku mal-għanijiet sottostanti tiegħu u b'mod speċjali mal-Kapitoli VI u VII.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) 50 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien **ta' 120** minuta jew aktar.

(b) 75 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien **minn 90 minuta sa 119-il** minuta jew aktar,

Ġustifikazzjoni

L-iskema ta' kumpens preċiża hija aspett importanti tal-effettività ġenerali tar-Regolament u għalhekk hija marbuta b'mod intrinsiku mal-għanijiet sottostanti tiegħu u b'mod speċjali mal-Kapitoli VI u VII.

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

(ba) 100 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien ta' 120 minuta jew aktar.

Ġustifikazzjoni

L-iskema ta' kumpens preċiża hija aspett importanti tal-effettività ġenerali tar-Regolament u għalhekk hija marbuta b'mod intrinsiku mal-għanijiet sottostanti tiegħu u b'mod speċjali mal-Kapitoli VI u VII.

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2**

2. Il-paragrafu 1 japplika wkoll għall-passiġġieri li jkollhom pass tal-ivvjaġġar jew biljett staġunali. Jekk dawn jaffaċċjaw dewmien jew kanċellazzjonijiet rikorrenti matul il-perjodu ta' validità tal-pass tal-ivvjaġġar jew biljett staġunali, dawn ***jistgħu jitolbu*** kumpens adegwat skont l-arranġamenti ta' kumpens tal-impriża ferrovjarja. Dawn l-arranġamenti għandhom jistabbilixxu l-kriterji għad-determinazzjoni tad-dewmien u għall-kalkolu tal-kumpens. Meta d-dewmien ta' inqas minn **60** minuta jseħħ b'mod ripetut waqt il-perjodu ta' validità tal-pass tal-ivvjaġġar jew tal-biljett staġunali, id-dewmien għandu jiġi kkalkulat b'mod kumulattiv u l-passiġġieri għandhom jiġu kumpensati skont l-arranġamenti ta' kumpens tal-impriża ferrovjarja.

2. Il-paragrafu 1 japplika wkoll għall-passiġġieri li jkollhom pass tal-ivvjaġġar jew biljett staġunali. Jekk dawn jaffaċċjaw dewmien jew kanċellazzjonijiet rikorrenti matul il-perjodu ta' validità tal-pass tal-ivvjaġġar jew biljett staġunali, dawn ***għandhom ikunu intitolati għal*** kumpens adegwat skont l-arranġamenti ta' kumpens tal-impriża ferrovjarja. Dawn l-arranġamenti għandhom jistabbilixxu l-kriterji għad-determinazzjoni tad-dewmien u għall-kalkolu tal-kumpens ***prorata skont il-bażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1***. Meta d-dewmien ta' inqas minn **45** minuta jseħħ b'mod ripetut waqt il-perjodu ta' validità tal-pass tal-ivvjaġġar jew tal-biljett staġunali, id-dewmien għandu jiġi kkalkulat b'mod kumulattiv u l-passiġġieri għandhom jiġu kumpensati skont l-arranġamenti ta' kumpens tal-impriża ferrovjarja.

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5**

5. Il-kumpens tal-prezz tal-biljett għandu jiġi mħallas fi żmien xahar wara s-sottomissjoni tat-talba għal kumpens. Il-kumpens jista' jitħallas f'vawċers u/jew servizzi oħra jekk it-termini huma flessibbli (b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodu tal-validità u d-destinazzjoni). Il-kumpens għandu jitħallas fi flus fuq talba tal-passiġġier.

5. Il-kumpens tal-prezz tal-biljett għandu jiġi mħallas fi żmien xahar wara s-sottomissjoni tat-talba għal kumpens ***lill-impriża ferrovjarja, lill-operatur tal-vjaġġi jew lill-bejniegħ tal-biljetti***. Il-kumpens jista' jitħallas f'vawċers u/jew servizzi oħra, ***jew permezz ta' sistema ta' kumpens awtomatiku fejn din tkun stabbilita***, jekk it-termini huma flessibbli (b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodu tal-validità u d-destinazzjoni). Il-kumpens għandu jitħallas fi flus ***skont l-istess sistema ta' ħlas bħal kif ikun inxtara l-biljett*** fuq talba tal-passiġġier. ***Il-passiġġieri għandhom jiġu infurmati b'mod li jinftiehem dwar l-għażliet kollha ta' kumpens, inkluża għażla finanzjarja, li minnhom huma jistgħu jagħżlu. Il-passiġġier m'għandu bl-ebda mod jiġi skoraggiat milli jitolb kumpens.***

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 7

7. ***Il-passiġġier m'għandu*** l-ebda dritt għal kumpens jekk ***jiġi infurmat*** bid-dewmien qabel ***jixtri*** l-biljett, jew jekk id-dewmien, minħabba kontinwazzjoni fuq servizz differenti jew ridirezzjonar tar-rotta, ***jibqa'*** inqas minn **60** minuta.

7. ***Il-passiġġieri m'għandhom*** l-ebda dritt għal kumpens jekk ***jiġu infurmati*** bid-dewmien qabel ***jixtru*** l-biljett, ***sakemm id-dewmien attwali ma jkunx aktar minn 45 minuta meta mqabbel mad-dewmien speċifikat***, jew jekk id-dewmien, minħabba kontinwazzjoni fuq servizz differenti jew ridirezzjonar tar-rotta, ***jibqa'*** inqas minn **45** minuta.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta mal-Artikolu 17(2), li jagħmel parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. *L-impriża ferrovjarja m'għandhiex tkun obligata tħallas kumpens jekk turi li d-dewmien seħħ minħabba kundizzjonijiet severi tat-temp jew minħabba diżastri naturali kbar li pperikolaw l-operazzjoni sikura tas-servizzi u li ma setgħux jitbassru jew ikunu evitati anke kieku ttieħdet kull miżura raġonevoli.*

imħassar

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. F'każ ta' dewmien fil-wasla jew fit-tluq, il-passiġġieri għandhom jinżammu infurmati dwar is-sitwazzjoni u l-ħin smat tat-tluq u l-ħin smat tal-wasla mill-impriża ferrovjarja jew il-bejjiġġ tal-biljetti jew mill-amministratur tal-istazzjon hekk kif din l-informazzjoni tkun disponibbli.

1. F'każ ta' dewmien fil-wasla jew fit-tluq, il-passiġġieri għandhom jinżammu infurmati dwar is-sitwazzjoni u l-ħin smat tat-tluq u l-ħin smat tal-wasla mill-impriża ferrovjarja, ***l-operatur tal-vjaġġi*** jew il-bejjiġġ tal-biljetti jew mill-amministratur tal-istazzjon hekk kif din l-informazzjoni tkun disponibbli. ***L-amministraturi tal-istazzjonijiet, l-amministraturi tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji jipprovdu lill-bejjiġġha tal-biljetti informazzjoni f'waqtha u b'format xieraq;***

Ġustifikazzjoni

Qsim ta' data xieraq, interoperabbli u f'ħin reali bejn il-bejjiġġha tal-biljetti u l-impriżi ferrovjarji huwa essenzjali għall-konsumatur, jekk irridu niżguraw li l-konsumatur jingħata l-aħjar informazzjoni – inklużi l-għażliet tal-biljetti u l-għażliet tal-prezz għall-vjaġġ mitlub – fil-ħin reali kif ukoll il-possibbiltà li jinxtara t-tip ta' biljett li wieħed jippreferi mingħand il-bejjiġġha tal-biljetti.

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. F'każ ta' xi dewmien kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' aktar minn **60** minuta, il-passiġġieri għandhom jiġu offruti bla ħlas:

Emenda

2. F'każ ta' xi dewmien kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' aktar minn **45** minuta, il-passiġġieri għandhom jiġu offruti bla ħlas:

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa minħabba li din hija intrinsikament marbuta mal-emendi l-oħra tagħna dwar il-ħin tad-dewmien fl-Artikolu 17.

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ikliet u xarbiet b'mod raġonevoli skont il-ħin tal-istennija, jekk ikunu disponibbli fuq il-ferrovija jew fl-istazzjon jew jistgħu b'mod raġonevoli jkunu pprovduti ***filwaqt li jitqiesu kriterji bħad-distanza mill-fornitur, il-ħin meħtieġ għat-twassil u l-ispiża*** ;

Emenda

(a) ikliet u xarbiet b'mod raġonevoli skont il-ħin tal-istennija, jekk ikunu disponibbli fuq il-ferrovija jew fl-istazzjon jew jistgħu b'mod raġonevoli jkunu pprovduti;

Ġustifikazzjoni

Il-lista ta' eżempji li tinkludi l-kriterji fit-test legali, b'mod partikolari l-ispejjeż, mhijiex utli sabiex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tad-disponibbiltà tal-ikliet u x-xarbiet.

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jekk il-ferrovija tkun imwahnha fuq il-linji, trasport mill-ferrovija sal-istazzjon

Emenda

(c) jekk il-ferrovija tkun imwahnha fuq il-linji, trasport ***aċċessibli*** mill-ferrovija

ferrovjarju, sal-punt tat-tluq alternattiv jew sad-destinazzjoni finali tas-servizz, fejn u meta jkun fiżikament possibbli.

sal-istazzjon ferrovjarju, sal-punt tat-tluq alternattiv jew sad-destinazzjoni finali tas-servizz, fejn u meta jkun fiżikament possibbli.

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-intenzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V, kwalunkwe trasport alternattiv mill-ferrovija u tul il-kontinwazzjoni tal-vjaġġ irid ikun aċċessibbli għall-passiġġieri kollha. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ta' dawn il-passiġġieri għandu jkun rekwiżit ċar peress li dawn jistgħu jirrikjedu għajjnuna addizzjonali, pereżempju f'każ ta' evakwazzjoni.

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jekk is-servizz ferrovjarju ma jkunx jista' jitkompla aktar, l-impriżi ferrovjarji għandhom jorganizzaw kemm jista' jkun malajr servizzi ta' trasport alternattiv għall-passiġġieri.

Emenda

3. Jekk is-servizz ferrovjarju ma jkunx jista' jitkompla aktar, l-impriżi ferrovjarji għandhom jorganizzaw kemm jista' jkun malajr servizzi ta' trasport alternattiv **aċċessibbli** għall-passiġġieri.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà, li huma parti mir-riformulazzjoni.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-impriżi ferrovjarji għandhom, **fuq talba tal-passiġġier**, jiċċertifikaw fuq il-biljett jew b'xi mod ieħor li s-servizz tal-ferrovija kellu dewmien, wassal biex konnessjoni ma ntlaħqitx jew għal kanċellazzjoni, skont il-każ.

Emenda

4. L-impriżi ferrovjarji għandhom **joffru lill-passiġġieri affettwati li** jiċċertifikaw **bil-miktub** fuq il-biljett **tagħhom** jew b'xi mod ieħor li s-servizz tal-ferrovija kellu dewmien, wassal biex konnessjoni ma ntlaħqitx jew għal kanċellazzjoni, skont il-każ.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Minbarra l-obbligi fuq l-impriżi ferrovjarji skont l-Artikolu 13a(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, l-amministratur ta' stazzjon ferrovjarju li minnu jgħaddu 10 000 passiġġier kull jum bħala medja fis-sena għandu jiżgura li l-operazzjonijiet tal-istazzjon, tal-impriżi ferrovjarji u tal-amministratur tal-infrastruttura huma kkoordinati bi pjan xieraq ta' kontinġenza biex iservi ta' tħejjija għall-possibbiltà ta' interruzzjonijiet kbar u ta' dewmien twil li jistgħu jwasslu biex għadd konsiderevoli ta' passiġġieri jitħallew l-art fl-istazzjon. Il-pjan għandu jiżgura li l-passiġġieri li jitħallew l-art jingħataw assistenza xierqa u informazzjoni, inkluż b'formati aċċessibbli skont ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti fid-Direttiva XXX. **Meta jintalab jagħmel hekk**, l-amministratur tal-istazzjon għandu jagħmel il-pjan, u kull emenda fih, disponibbli **għall-Korp Nazzjonali tal-Infurzar jew għal kwalunkwe korp ieħor maħtur minn Stat Membru**. L-amministraturi tal-istazzjonijiet ferrovjarji li minnhom jgħaddu 10 000 passiġġier kull jum bħala medja fis-sena għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jikkoordinaw l-utenti tal-istazzjonijiet u biex jassistu u jinformaw lill-passiġġieri li jitħallew l-art f'dawn is-sitwazzjonijiet.

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

Emenda

6. Minbarra l-obbligi fuq l-impriżi ferrovjarji skont l-Artikolu 13a(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, l-amministratur ta' stazzjon ferrovjarju li minnu jgħaddu 10 000 passiġġier kull jum bħala medja fis-sena għandu jiżgura li l-operazzjonijiet tal-istazzjon, tal-impriżi ferrovjarji u tal-amministratur tal-infrastruttura huma kkoordinati bi pjan xieraq ta' kontinġenza biex iservi ta' tħejjija għall-possibbiltà ta' interruzzjonijiet kbar u ta' dewmien twil li jistgħu jwasslu biex għadd konsiderevoli ta' passiġġieri jitħallew l-art fl-istazzjon. Il-pjan għandu **jagħti attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u għandu jiżgura li l-passiġġieri li jitħallew l-art jingħataw assistenza xierqa u informazzjoni, inkluż b'formati aċċessibbli skont ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti fid-Direttiva XXX. Il-pjan għandu jinkludi wkoll rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tas-sistemi ta' twissija u informazzjoni**. L-amministratur tal-istazzjon għandu jagħmel il-pjan, u kull emenda fih, disponibbli **pubblikament, anke fuq is-sit web tal-istazzjon**. L-amministraturi tal-istazzjonijiet ferrovjarji li minnhom jgħaddu 10 000 passiġġier kull jum bħala medja fis-sena għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jikkoordinaw l-utenti tal-istazzjonijiet u biex jassistu u jinformaw lill-passiġġieri li jitħallew l-art f'dawn is-sitwazzjonijiet.

1. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom jistabbilixxu, jew ***għandu jkollhom f'posthom***, bl-involviment attiv ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, regoli ***ta'*** aċċess ***nondiskriminatorji*** għat-trasport ta' persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa ***inkluż*** l-assistenti personali tagħhom. Ir-regoli għandhom jippermettu lill-passiġġieri jkunu akkumpanjati minn ***kelb*** ta' assistenza skont kwalunkwe ***regoli*** nazżjonali rilevanti.

1. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom jistabbilixxu jew ***ikollhom fis-seħħ***, bl-involviment attiv ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, regoli ***nondiskriminatorji għal*** aċċess ***mingħajr ostakli u indipendenti*** għat-trasport ta' persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa ***inklużi*** l-assistenti personali tagħhom. Ir-regoli għandhom jippermettu lill-passiġġieri jkunu akkumpanjati minn ***annimal*** ta' assistenza ***ċertifikat jew persuna li takkumpanjahom, it-tnejn mingħajr ħlas***, skont kwalunkwe ***regola*** nazżjonali rilevanti, ***u għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jkunu jistgħu wkoll jivvjaġġaw fuq ferrovija b'mod spontanju u mingħajr il-ħtieġa li jippjanaw fit-tul.***

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

1. Fuq talba, l-amministraturi tal-istazzjonijiet, l-impriżi ferrovjarji, il-bejjiegħa tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jagħtu lil persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa l-informazzjoni, inkluż b'formati aċċessibbli b'konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 454/2011 u fid-Direttiva XXX, dwar l-aċċessibbiltà tal-faċilitajiet fl-istazzjon u ta' faċilitajiet assoċjati, tas-servizzi ferrovjarji u dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċess ta' vetturi ferrovjarji bi qbil mar-regoli tal-aċċess imsemmija fl-Artikolu 20(1) u għandhom jinfurmaw lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà

1. Fuq talba, l-amministraturi tal-istazzjonijiet, l-impriżi ferrovjarji, il-bejjiegħa tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jagħtu lil persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa l-informazzjoni, inkluż b'formati aċċessibbli b'konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 454/2011 u fid-Direttiva XXX, dwar l-aċċessibbiltà tal-faċilitajiet fl-istazzjon u ta' faċilitajiet assoċjati, tas-servizzi ferrovjarji u dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċess ta' vetturi ferrovjarji bi qbil mar-regoli tal-aċċess imsemmija fl-Artikolu 20(1) u għandhom jinfurmaw lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa dwar il-faċilitajiet

mnaqqsa dwar il-faċilitajiet abbord.

